MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2005

Numru. 436/2004

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Silvio Camilleri, iben Carmel,
imwieled Pieta' fl-10 ta'
marzu, 1984

Illum, 4 ta' mejju, 2005

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-18 ta' mejju, 2004 għal ħabta tas-2.30 p.m., ġewwa l-Gżira, ikkometta serq ta' 'cashlink card' għad-dannu tal-Bank of Valletta plc u persuni oħra;
2. talli fit-18 ta' mejju, 2004 għal ħabta tat-3.00 p.m. ġewwa l-Gżira, ikkometta serq ta' mitt lira maltin (Lm100) minn ATM tal-Bank of Valletta,Gżira għad-dannu ta' Carmel Camilleri u persuni oħra, liema serq hu aggravat blammont;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, għamel qliegħ ta' Lm100 għad-dannu ta' Charles Camilleri u persuni oħra;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel qliegħ ieħor b'qerq għad-dannu ta' l-imsemmi Carmel Camilleri;
5. talli sar reċidiv b'sentenza li saret definittiva mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-3 ta' mejju, 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' mejju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' mejju, 2005 fejn Carmel Camilleri, missier l-imputat ħafer lill-istess imputat u irtira l-kwerela.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 279(a), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------